Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2011

Talba Numru. 855/2011

**Giovanni Schembri Limited – C-5003**

**vs**

**Stones Hotels Limited – C-5530**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet illi s-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' tliet mija tmienja u tletin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€338.24c) ammont dovut ghal merkanzija mibjugh u kkonsenjat mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittra legali tal-11 ta' Awissu, 2011, u bl-imghax legali mis-7 ta' Frar, 2011, data tal-ahhar konsenja sal-effettiv pagament, kontra s-socjeta' konvenuta illi hija ngunta ghas-subizzjoni.
Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher

rapprezentant taghha ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li rapprezentant tas-socjeta' konvenuta naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tliet mija tmienja u tletin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€338.24c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------